# Ir-Raba' Ħadd tal-Għid – Jum il-Vokazzjonijiet

Fir-Raba' Ħadd tal-Għid il-qari tal-liturġija dejjem jistedinna nikkontemplaw il-figura ta' Kristu bħala r-Ragħaj it-Tajjeb. Għal din ir-raġuni, f'dan il-jum fejn nikkontemplaw din ix-xbieha tant sabiħa, jagħmel ħafna sens li bħala Knisja niċċelebraw ukoll 'Jum il-Vokazzjonijiet', fejn fost l-oħrajn aħna mistednin naħsbu b'mod speċjali fil-vokazzjoni saċerdotali. Is-saċerdoti, Ġesù ħallihomlna biex bħalu jkunu ragħajja tal-komunitajiet tagħna u jieħdu ħsieb il-merħa afdata f'idejhom. F'din il-laqgħa tista' ssib skema biex tgħin lit-tfal jifhmu iżjed għaliex Kristu jsejjaħ lilu nnifsu r-Ragħaj it-Tajjeb u għalfejn għandna bżonn iżjed saċerdoti biex ikomplu dan ix-xogħol tiegħu, u jkunu ragħajja f'isem Ġesù.

## Introduzzjoni

Fil-bidu tista' tibda billi ssaqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

- Illum fil-vanġelu Ġesù jgħidilna li hu r-Ragħaj it-Tajjeb. X'taħsbu li hu ragħaj?
- X'inhu xogħlu r-ragħaj? Fejn issibu?
- X'jagħmel ragħaj "tajjeb"?

## Video-Clip

F'dan il-mument uri lit-tfal l-video clip li għandek ma' din l-iskema, u spjegalhom li se jaraw intervista ma' ragħaj ta' veru, biex jifhmu iżjed x'inhu x-xogħol tar-ragħaj.

## Diskussjoni

Ibda l-ewwel billi ssaqsi lit-tfal x'inhu dak li laqathom l-iżjed, u bil-mod il-mod ibda kkompara dak li ħareġ fl-intervista ma' dak li jgħid Ġesù fil-vanġelu. Tista' ssaqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

- X'laqatkom l-iżjed minn dak li semma r-ragħaj?
- In-nagħaġ jistgħu jgħaddu mingħajr ir-ragħaj?
- Taħsbu li r-ragħaj iħobbhom lin-nagħaġ tiegħu?
- X'taħsbu li ried jgħidilna Ġesù meta qalilna li hu r-Ragħaj it-Tajjeb?

Imbagħad saqsi lit-tfal sabiex isemmu modi kif Ġesù jieħu ħsieb lilna (il-merħla tiegħu) b'mod konkret. Hawnhekk it-tfal x'aktarx isemmu lis-saċerdoti. Tajjeb għalhekk li f'dan il-mument tgħin lit-tfal joħorġu similaritajiet bejn il-figura tas-saċerdot u l-figura tar-Ragħaj. Tista' tiddiskuti wkoll magħhom xi jkunu l-konsegwenzi jekk dawk li qed isejjaħ Ġesù biex ikunu ragħajja tan-nagħaġ tiegħu ma jirrispondux iva, jew inkella jitilqu l-merħla waħedha kif jagħmel ir-ragħaj "mikri".

## Talba tal-Għeluq

Fl-aħħar tajjeb li tagħlaq billi tistieden lit-tfal jitolbu għal dawk li Ġesù qiegħed isejħilhom biex ikunu ragħajja f'ismu, biex ma jibżgħux u jwieġbu iva, u kif ukoll għas-saċerdoti madwar id-dinja kollha sabiex ikunu ragħajja tassew "tajbin" u li jħobbu l-merħla afdata lilhom.